# Il-Ħadd 11.03.2018

1. Illum 11/03, **ir-Raba' Ħadd tar-Randan**:
   - Dun Karm Zammit jiċċelebra il-51 sena minn mindu sar saċerdot (11/03/1967). Nifirħulu u nawgurawlu, u nitolbu għalih.
   - Fit-8:15am - Quddiesa li għaliha ser jattendu l-membri tal-Leġjun ta' Marija. Wara, sa' xi 1:00pm, ser iżuru xi djar biex jistednukom tissieħbu magħhom f'dan l-appostolat.
   - Fuq iz-zuntier tal-knisja ser tkun qed tittella' kampanja ta' karità permezz ta' bejgħ ta' Kejkijiet b'risq Puttinu Cares.
   - Tul dawn l-aħħar jiem tar-Randan ser jitqiegħdu qfif madwar l-altar biex inġibu affarijiet li ser jingħataw lis-Segretarjat Assistenza Soċjali tal-Azzjoni Kattolika biex b'ġest ta' Karità u għajnuna jingħataw lill-persuni fil-bżonn.
   - Jekk ikollkom ukoll xi ħwejjeġ li għadhom fi stat tajjeb, imma li mhux bi ħsiebkom tibqgħu tużaw, nitolbu li jinġiebu għand is-Sorijiet Dumnikani biex ikunu jistgħu jingħataw lil xi persuni li jistgħu jiġu bżonnhom.
2. It-Tnejn 12/03:
   - Fil-4:45pm, fil-knisja parrokkjali, niċċelebraw l-Ewwel Qrara għat-Tfal li fis-27/05 ser jiċċelebraw l-Ewwel Tqarbina.
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: It-3 laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-knisja.
3. L-Erbgħa 14/03:
   - Mis-7:00pm sas-7:30pm: Ir-4 laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd fil-knisja.
4. Il-Ħamis 15/03:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru r-Redentur tal-Bażilika tal-Isla fejn ikollna Via Sagra u Quddiesa, u wara Coffee Morning. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
5. Il-Ġimgħa 16/03:
   - Mis-6:30pm sas-7:30pm ser issir Quddiesa u Mument ta' Adorazzjoni tas-Salib, b'kant u talb stil Taizè, bħala l-aħħar laqgħa tal-Eżerċizzi għal Kulħadd.
6. Is-Sibt 17/03:
   - Mill-10:00pm sal-5:00pm –
   - Seminar għall-koppji miżżewġa, b'talb, film, ħinijiet ta' riflessjoni, għall-koppji miżżewġa, fis-Seminarju tal-Virtù, r-Rabat. Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-Kummissjoni Familja sa nhar il-Ħamis (15/03) biex isiru l-preparamenti.
7. Il-Ħadd 18/03, **il-Ħames Ħadd tar-Randan**:
   - Il-Ġabra tkun waħda speċjali b'risq is-Seminarju.
   - Fit-8:15am - Quddiesa bis-sehem tat-Tfal li għamlu l-Ewwel Qrara.
8. L-Erbgħa 21/03: Pellegrinaġġ għas-Salib tal-Għolja: *(Għal min jixtieq, speċjalment għaż-Żgħażagħ)*
   - Fis-7:15pm - Nitilqu lejn is-Siġġiewi fejn nitilgħu lejn is-Salib tal-Għolja waqt li nagħmlu riflessjonijiet u talb. Min bi ħsiebu jiġi, jinkiteb fis-Sagristija.
9. Avviżi oħra:
   - L-Erbgħa 14/03 - Mis-7:00pm sat-8:30pm, *'Tama'* - Serata mużiko-letterarja, fil-*foyer* tal-iskola Sekondarja ta' Ħal Kirkop, bil-parteċipazzjoni ta' studenti mir-raħal tagħna. Kulħadd mistieden.
10. Matul din il-ġimgħa daħlu:
    - € 310 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr. Grazzi mill-qalb.